# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tal-Hamis 19 ta' Jannar 2023**

**Talba nru. 333/2021**

**SERGIO DARMANIN**
(KI 490873M)

***VERSUS***

**BEDU RAM BANDHARI (KI 211127A)**
**F'ISMU PROPJU U F'ISEM IS-SOCJETA**
**EUROPE STAFF LIMITED (C-93033)**

B'Avviz tat-Talba opprezentata fil-15 ta' Novembru 2021 (a fol 1 et seq), l-attur ippremetta s-segwenti:

*Illi l-esponenti jopera fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u joffri servizz ta' awditur. Illi l-konvenut f'ismu personali u f'isem is-socjeta intimata talbet l-uzu tas-servizzi ta' l-attur sabiex jindika li l-indirizz tas-socjeta intimata kien registrat ghal sena. Illi l-ahhar statement li hareg l-attur kien fil-21 ta' April 2021, habba l-fatt li l-ammont dovut baqa qatt ma thallas u wara diversi interpellazzjonijiet huwa ghalhekk kellu jaghmel it-talba odjerna. Illi l-esponenti ghamel dan ix-xoghol ghal prezz totali ta' seba mitt Ewro.*

*Illi l-konvenut f'ismu personali u f'isem is-socjeta intimate jinsab debitur lejn is-socjeta esponenti fl-ammont ta' seba mitt ewro rapprezentanti tas-servizz offrut tal-attur. Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:-*

1. *Jikkundanna lill-konvenut jew minn minnhom ihallas lill-espoenti s-somma ta' seba mitt Ewro (Eur 700) liema ammont huwa dovut ghas-servizz ta' l-esponenti.*

*Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kollha inkluz tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi opprezentat kontestwalment ma' din it-talba.*

Illi l-konvenut Bedu Ram Bandhari gie debitament notifikat fl-10 ta' Dicembru 2021 kif jidher mir-riferta li tinsab a fol. 6. Minkejja illi l-konvenut gie notifikat bl-atti, l-istess konvenut proprio naqas milli jressaq risposta u lanqas deher ghas-seduti. Ghaldaqstant il-konvenut gie iddikjarat fi stat ta' kontumacja.

Galadarba l-odjerna kawza giet ipprezentata wkoll fil-konfront tas-socjeta kummercjali Europe Staff Limited, kien jehtieg illi ssir notifika wkoll lil din is-socjeta. Fil-fatt mill-atti processwali jirrizulta illi s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-atti relattivi fit-3 ta' Marzu 2022 kif jidher a fol.7 meta l-istess konvenut Bedu Ram Bandhari laqa n-notifika ghan-nom ta' l-imsemmija socjeta konvenuta.

Illi anke s-socjeta konvenuta baqghet ma dahhlet l-ebda risposta u l-ebda direttur jew rapprezentant taghha ma deher ghall-udjenzi. Ghaldaqstant is-socjeta konvenuta giet iddikjarata wkoll fi stat ta' kontumacja.

Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2022, l-attur ipprezenta Kapitolu fil-konfront tal-konvenut Bedu Ram Bandhari (Fol.12), f'ismu propju u kif ukoll Kapitolu iehor fil-konfront tas-socjeta konvenuta Europe Staff Limited (Fol. 13).

Matul is-seduta tad-29 ta' Novembru 2022, xehed bil-gurament l-attur Sergio Darmanin illi ikkonferma illi huwa kien ghamel xoghol ta' awditjar lis-socjeta konvenuta Europe Staff Limited u ipprezenta dokument li jirraprezenta statement fl-ammont ta' Eur 700.

It-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda imressqa flimkien mad-dokumenti ipprezentati.

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal ikkunsidra:-

Illi fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2022 l-attur ikkonferma li l-ammont reklamat fit-talba ghadu ma thallasx u ghaldaqstant bil-gurament xehed illi l-ammont ta' Eur 700 kien ghadu dovut.

It-Tribunal iqis din ix-xhieda bhala sodisfaċenti u kompluta u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità ta' din ix-xhieda.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut u s-socjeta konvenuta baqghu kontumaċi, dan ma jfissirx li huma abbandunaw kull eċċezzjoni li setghu jagħmlu fil-kawża u ammettaw id-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).
Għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, u l-attur xorta jrid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' lil Sergio Darmanin, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li l-attur jimmerita li jieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba. It-Tribunal ha kont ta' dak li afferma bil-gurament l-attur inkluz l-statement ipprezentat li jghajjat lis-socjeta konvenuta.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li tillibera lill-konvenut Bedu Ram Banhani, qieghed jilqa' t-talba ta' l-attur fil-konfront tas-socjeta konvenuta Europe Staff Limited (C-93033) u konsegwentement jikkundannaha thallas l-ammont ta' sebgha mitt Ewro (Eur 700) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mill-15 ta' Novembru 2021 (li hi d-data ta' l-intavolar tal-prezenti proceduri) li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur